# Fuq ix-xatt taħt Sant'Jiermu

(18 TA' MEJJU)

Kienet lejla mis-sħan tar-Rebbiegħa,
L-għarb imdawwal mix-xemx qiegħda tnin,
Mal-ħolqien is-skiet biss kien isaltan,
Ħemda kbira ma' dwar il-bnedmin.

Jien ħassejtni bla ħeġġa w imnikket,
Bħallikieku l-mewt resqet fil-qrib,
Ħsiebi tar fuq l-għamil ta' l-Imgħoddi,
Qalbi fih setgħet faraġ issib.

Għalhekk ġejt taħt das-swar li jfakkruni
Fit-taqbid bejn it-Tork u l-Maltin,
Mita s-sema deher mgħammem bid-dħaħen
Tal-kanuni fuq l-għadu mdawrin.

Ma' das-swar hekk qawwija—iċċarċar
Demm ta' żgħażagħ li ħaqqhom kull ġieħ:
Taw ħajjiethom għal Dinhom. għal Arthom,
Kmieni sabu tal-mewt il-mistrieħ.

Ġo did-dinja m'għadhomx iżjed igħammru,
M'għadhomx iżjed jitgħaxxqu bil-ward,
Huma nsew x'inhuma għana jew faqar,
Ma jħossux u la sħana u la bard.

Iżda isimhom le nqered: għalina
Jibqa' għal dejjem għażiż u maħbub;
U fil-għabex tas-sebħ u f'kull għasar
Tifkirithom hawn tħeġġeġ fil-qlub.

Din il-fewġa li issa qed tmelles
Il-mewġ ħelu li jaħsel dax-xtut,
Għandha mnejn illi l-kbir Dragutt ressqet
F'dawn l-inħawi fejn hu kellu jmut.

Dan ir-riħ li ma wiċċi qed jaħbat,
Il-qlugħ mela tal-kiefer Pjalì
Kollu hieni: kif rah lesta x-xwielaħ
Ta' Sant'Jiermu l-qalbieni Balì.

Dan il-mewġ ġarr ix-xwieni ta' l-Ordni
Mita lemħu xi ġifen fil-qrib,
U għalbuh u b'hekk ħelsu l-ilsiera,
U fiek l-Oqmra hemm waqqfu s-Salib.

U dil-belt li bejn żewġ daħliet żoroq
Tistrieħ, qisha fuq warda farfett,
Tixhed ħilt il-mexxej tal-qalbiena,
Il-wisq qawwi Sultan La Valette.

Ċ. W. DEPASQUALE, B.A.
(Student tal-Liġi)